**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 20**

**Il-Ġimgħa 15 t' Ottubru 2020**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-binja tal Kunsill Lokali, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk - fl-4:00 ta' wara nofs in-nhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | – | Sindku |
| Elenia Desira | – | Viċi Sindku |
| Janice Chetcuti | – | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | – | Kunsillier |
| Stephen Caruana | – | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Charles Attard | – | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

| | |
|---|---|
| **20.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 20.1.1 | Xejn |
| **20.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 20.2.1 | Kopja tal-minuti tas-seduta preċedenti numru 19 tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ta' dawn il-laqgħat ittieħdu bħala moqrija. |
| 20.2.2 | Is-Sin. Elenia Desira ppproponiet u ssekonda Stephen Caruana bħala koretti, il-minuti tas-seduta preċedenti numru 19 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **20.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku** |
| 20.3.1 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li Fil-11 ta` Settembru 2020 fl-10am Is-Sindku kellu laqgha il-Kunsill Lokali mall-ħaddiema tal-Ambjent Malta u Project Plus biex jiddiskutu fuq il-Ġnien ta` Triq il-Kavallerizza. |
| 20.3.2 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fil-15 ta' Settembru 2020 fl-10am is-Sindku kellu laqgħa ġewwa l-Kunsill lokali ma żewġ koperattivi tas-Sajd fejn ġie diskuss il-Magħluq u fuq il-monti tal-Ħadd. |
| 20.3.3 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-22 ta' Settembru 2020 is-Sindku flimkien mall-Kunsilliera Dr Janice Chetcuti kellhom laqgħa mal-Kap tal-Iskola ġewwa l-iskola Primarja rigward il-ħinjiet tal-ftuħ tal-librerija. |
| 20.3.4 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-23 ta' Settembru 2020 is-Sindku flimkien mal-Pulizija tal-Komunita kellhom laqgħa ġewwa l-Kunsill Lokali mas-Sur Tonio Curmi tal-MHRA fejn ġie diskuss il-problemi li għandhom il-ħwienet tax-Xatt u l-linji sofor li hemm ix-Xatt. |
| 20.3.5 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fl-24 ta' Settembru 2020 is-Sindku kellu laqgħa fid-9am ġewwa l-Kunsill lokali mal-Project Plus u Infrastructure Malta biex jaraw kif u fejn ser jitħawwlu siħar mall-lokal ta Marsaxlokk. |
| 20.3.6 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-12 t`Ottubru 2020 is-Sindku attenda għall-konferenza stampa li saret Xatt is-Sajjieda li saret mill-Onorevoli Ministru Julia Farrugia u Onorevoli Ministru Ian Borg minħabba il-proġett tal-Magħluq. Ġie iċċarat għalfejn attenda is-Sindku biss. |
| 20.3.7 | Is-Sindku nforma l-Kunsilliera preżenti li fit-13 t`Ottubru 2020 fl-4pm is-Sindku attenda għal Ftuħ tal-Comunity Policing li saret il-Bandli tal-Fgura. |
| 20.3.8 | **Proposti- Hard standing Port Ruman**. Is-Sindku ltaqa ma Edric Micallef u qal li l-permess ġie ppublikat u hemm żmien xhar fejn jista jsir l-appell. Ġie maqbul li jikkomunikaw mal-Avukat Dr. Errol Cutajar biex jiġi ppreżentat l-appell peress li iż-żmien qed jgħaddi. |

| | |
|---|---|
| 20.3.9 | **Ir-Ramel tal- Magħluq -** |
| 20.3.10 | **Sqaq Busbiezi Lane** - Is-Sindku ppreżenta il-pjanta kif ġej dan l-isqaq u qal li qed jipprova jġib il-fondi mill-Ewropa, kif ukoll li hemm il-pjanti mal-Lands Department. |
| 20.3.11 | **Central Strip ta' Bir id-Deheb**. Sar servej fuq din ir-roundabout ħdejn Bir id-deheb . Ser isir disinn mad Designer, jinħadem ġibjun taħt biex jinġabar l-ilma għall- Luzzu. Is-siġra li hemm preżenti ħa tibqa fejn hi. Proġett qed isir min Infrastructure Malta flimkien mal-ELC. |
| 20.3.12 | **Xogħolijiet li qed isir issa**. Center Stip ta Triq iż-Żejtun, Center Stip tal-Pjazza, kif ukoll Ġnien ta' Santa Katerina. |
| 20.3.13 | **Sleeping police**.Intalbet Sleeping Police oħra fi Triq Port Ruman. Din ma ġietx approvata. Daniel Zerafa propona li Triq Port Ruman issir one way u is-sindku qal li dan jiġi diskuss darboħra pero informa li meta titlesta it triq l-oħra ser issir il-quddiem. |
| 20.3.14 | **Vot fuq il-Monti biex jiccaqlaq parti minnu u jiġi imnaddaf**. Vot inqabel b'mod unnanimu<br>Sar qbil ukoll l-bejjiegħa jitħallew ipoġġu il-vannijiet imma iċedu il-ħin sa Tlieta- Dan il qbil sar b'mod temporanju. |
| 20.3.15 | **Proġett tal-Ground**. Ġie maqbul li l-pjanta proposta tinbgħat lil kulħadd b'email biex kulħadd ikolu ċans jargħa sew. Fi żmien ġimgħatejn il-kunsill jiltaqa biex jiddiskuti sabiex fil –laqgħa tal-Kunsill li jmiss tingħata risposta. L-agreement ukoll jgħaddi għand l-Avukat Sladden. Laqgħa għall dan ser issir nhar l-Erbgħa 28/10/2020 fl-16:00. |
| 20.3.16 | **Triq Dellimara**.Is-Sindku informa lill kunsilliera preżenti li saret laqgħa ma kunsillier miż-Żejtun rigward Triq Dellimara. Ġie diskuss xi xogħolijiet ta patching fejn is-sindku qal li ma qabilx. |
| 20.3.17 | **Aċċes tal-Barrier**. Kien hemm talba minghand is-sid ta l-ewwel Ħanut biex ikollu aċċess mill-barrier. Ġa la darba kellu permess ukoll mill-Kappillan it-talba ġiet approvata |
| **20.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 20.4.1 | Dr. Janice Chetcuti Saqsiet jekk jaqblux dwar il proġett tat tracking taż-żgħażagħ. Dan il proġett ser jiswa €320 għall-8 lezzjonijiet. Persuna Kwalifikata f'dan il qasam avviċinha u spjegala li dawn il-lezzjonijiet huma offruti għall gruppi ta mux aktar minn 12 il-persuna, immirati lejn żgħażagħ bejn it-12 u s-16 il-sena. Persuni adulti jistgħu jiġuikkunsidrati. Lezzjonijiet jkunu varjati, suġġeti fuq trakking, mixjiet lejn għar Hasan, kif wieħed iqabbad in nar u jsajjar barra, First aid etc. Se jsir advert fuq Facebook sabiex jiġi reklamat u tinġabar feedback kemm ser jattendu nies. |
| 20.4.2 | Dr. Janice Chetcuti ġiet avviċinata min persuna fejn dan saqsijha jekk il-kunsill hux interessat li jgħamel *News letter* . Dan is-sinjur għadda żewg quotes, waħda għas- Setup u l-oħra għall-printing. Din il-gazetta li jkun fiha madwar sittax il-paġna, kulħadd ikollu spazju sabiex jikteb x'sar matul is-sena, u tinħareġ għal Jum Marsaxlokk. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li dejjem irid |

| | |
|---|---|
| | ikun hemm 3 quotes. Dr. Janice tenniet li għandu jintlaħaq Board tal Editorjal kif ukoll persuna mill-Kunsill offriet li tgħamel set up hi. Qalet ukoll li ser tieħu ħsieb li ġġib 2 quotes oħra. Il-kunsill qabel unanimament biex din in-News letter issir darba fis-sena. |
| **20.5** | **Skema**<br>**SPI/SCI/5/2020 Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilita' u Mobilita'** |
| 20.5.1 | Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv semma l-iskema li ħarġet dwar l-Aċċessibilita' u Mobilita. Is-Sindku ppropona li jinxtara van biex meta titlesta il-Berġa dan ikun ta' servizz għall-anzjani tal-Komunita. Dan il-van iservi ta' Community Service Vehicle. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega ukoll kif wieħed jista jimassimizza il-fondi skond l-għażla tal-Vettura (Fuel Jew Electric) . Sar qbil min dawk preżenti għall dan il-proġett. |
| **20.6** | **Problema tal-Ħamiem** |
| 20.6.1 | Proposta li kellu jgħaddi is-Sindku dwar il-problema tal-ħamiem ġiet posposta għall-Laqgħa li jmiss minħabba in-nuqqas tal preżenza ta' Dr. Janice Chetcuti. |
| 20.6.2 | Dr Janice Chetcuti skużat ruħa għax kella tħalli il-laqgħa tal-kunsill minħabba impenji oħra personali fil-17:40. |
| **20.7** | **Skeda ta pagamenti** |
| 20.7.1 | Proponiet Elenia Desira u ssekonda Stephen Caruana |
| **20.8** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 20.8.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-17:50pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 12 ta' Novembru 2020, fl-16:00pm. |

**Konfermati, illum 12 ta Novembru 2020**

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

________________________ _________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**Charles Attard**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*